Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sal-31 ta' Diċembru, 2024, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 mis-7.30 a.m. sa nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 31st December, 2024, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone 2556 4134 from 7.30 a.m. to noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Toyota	Ractis	Griż	IBU679	Il-Gżira
Honda	NCS	Abjad	LDL627	Birkirkara
Ford	Focus	Griż	OV10HPK	Il-Gudja
Renault	Megane	Ikħal	IBR863	Ħal Għaxaq
Toyota	Avensis	Griż	CB1090PE	Il-Gżira
Renault	Kangoo	Abjad	KQZ397	Il-Mosta
Toyota	Belta	Ikħal	CBT398	San Ġiljan
Peugeot	407	Griż	DCP271	Raħal Ġdid
Peugeot	2008	Abjad	BCO889	Il-Gżira

L-24 ta' Diċembru, 2024

24th December, 2024

MINISTERU GHALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U L-PROĠETTI STRATEĠIĊI

Lista ta' direct orders mogħtija mil-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2024 u l-30 ta' Ġunju, 2024, ippubblikata skont l-Artiklu 111 (2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku (S.L. 601.03) u skont c-cirkulari tad-Dipartiment tal-Kuntratti Nru. 12/2021.

L-24 ta' Diċembru, 2024

MINISTRY FOR THE ECONOMY, ENTERPRISE AND STRATEGIC PROJECTS

List of direct orders awarded by the Ministry for the Economy, Enterprise and Strategic Projects during the period between the 1st January, 2024 and 30th June, 2024, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations 2016 (S.L. 601.03) and in accordance with Contracts Circular No. 12/2021.

24th December, 2024

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem *Name*	Data tal-għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Name of Contractor*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract value Excluding VAT*
MEFL 9/2024	Legal Services	4th January 2024	Camilleri Preziosi	€6,700
MEFL/44/2024	Promotional Services for Stabbilta' Campaign	11th January 2024	Streetmedia	€5,751
MEEP/70/2024	Provision of Media Coverage	26th January 2024	Franklin Cachia	€34,560

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem *Name*	Data tal-għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Name of Contractor*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract value Excluding VAT*
MEFL/44/2024	Publicity – Stabbiltà Campaign	31st January 2024	One Productions	€13,280
MEFL 84/2023	Subscription Services	1st February 2024	Politico	€32,965
MEEP 57/24	Legal Services	1st February 2024	Camilleri Preziosi	€5,500
MEFL 116/2022	Refurbishment Costs	19th February 2024	Eurocraft	€9,935
MEEP 86/2024	Legal Services	11th March 2024	Camilleri Preziosi	€9,324
MEEP 107/2024	Legal Services	13th March 2024	Camilleri Preziosi	€8,569
MEEP 99/2024	Process Re-Engineering	22nd March 2024	RSM Malta	€9,950
MEEP/109/2024	Provision of Public Service Expo 2024 Merchandise (technology items)	4th April 2024	Mompalao MT	€9,658
MEEP/236/2024	Organisation of eSports event during Public Service Expo 2024	4th April 2024	GMR Concepts Ltd	€8,075
MEEP/110/2024	Provision of Public Service Expo 2024 Merchandise (drinkware items)	4th April 2024	Mompalao MT	€9,869
MEEP/125/2024	Provision of Immersive Reality Experience for Public Service Expo 2024	8th April 2024	Draw & Code Ltd	€30,000
MEEP/111/2024	Provision of Public Service Expo 2024 Merchandise (miscellaneous items)	8th April 2024	Mompalao MT	€9,869
MEEP/236/2024	Promotion Campaign for eSports event during Public Service Expo 2024	23rd April 2024	iCommunications	€7,600
MEEP 132/2024	Professional Services	24th April 2024	Cambridge Econometrics	€94,966
MEEP 131/2024	Provision of expertise on economic matters	25th April 2024	E-Cubed Consultants	€9,775
MEEP/236/2024	Video animation production for Public Expo 2024	26th April 2024	Transient Light & Sound Ltd	€8,505
MEEP/236/2024	Building of Stand, rental of equipment and project management for Public Service Expo 2024 stand	30th April 2024	Domenic Attard	€40,926
	Provision of Audio & Video Equipment	30th April 2024	iCan	€15,775.50
MEFL/44/2024	Organisation of promotional campaign for the Stabbiltà fil-Prezzijiet initiative	8th May 2024	Striped Sox Ltd	€134,757

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem *Name*	Data tal-għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Name of Contractor*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract value Excluding VAT*
CD/4/2023/3.0	Advertising Services (Commerce Department)	13th June 2024	Claire Agius	€10,000
MEEP/ VEHICLES/179/2024	Purchase of fully electric vehicle for headship position (Commerce Department)	27th June 2024	GasanZammit Motors	€38,983

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 9 ta' Jannar, 2025.

Avviż Nru. 68. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' Struttura f'Bieb ir-Ruwa, Ir-Rabat, Malta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2014_723. Din il-proprjetà tista' tkun suġġetta għal servitujiet eżistenti favur proprjeta' adjaċenti. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebgħa u erbgħin ewro (€47) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 69. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' mija u erbgħa u erbgħin ewro u erbatax-il ċenteżmu (€144.14) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fit-23 ta' Marzu, 2130, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras tat-30 ta' Ottubru, 1980, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' garaxx sal-għoli ta' tlettax-il (13) filata bl-isem ta' 'Ben', fi Triq il-Falkunier, il-Fgura, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_13_2009. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u ħames mija u dsatax-il ewro u sebgħin ċenteżmu (€4,519.70) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements are to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 9th January, 2025.

Advt No. 68. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of Structures at Bieb ir-Ruwa, Rabat Malta, as shown edged in red on plan P.D.2014_723. This property maybe subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of forty-seven euro (€47) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 69. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of one hundred and forty-four euro and fourteen cents (€144.14) per annum, for the remaining period which expires on the 23rd March, 2130, as per deed in the acts of Notary Joseph Sciberras dated 30th October, 1980, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Garage up to the height of thirteen (13) courses named 'Ben', Triq il-Falkunier, Fgura, shown edged in red on the plan P.D.JO_13_2009. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and five hundred and nineteen euro and seventy cents (€4,519.70) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the